MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1734/2013/1

**Madliena Village Limited (C2702) u Madliena International Limited (C 34987)**

**vs**

**Paul Caruana u MAC Properties Limited (C36025)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Madliena Village Limited u Madliena International Limited li ghar-ragunijiet hemm premessi talbu lill-Qorti zzomm lill-intimati milli b'xi mod, jew personalment jew tramite terzi, joholqu pizijiet jew drittijiet reali u/jew personali, taht kwalunkwe titolu kemm oneruz jew gratuwitu fuq, jew b'xi mod jokkupaw jew jghaddu f'idejn terzi l-proprjeta':

a) Il-fond, ossia penthouse, bin-numri seba' mija u disgha u sebgha mija u ghaxra (709/710), sitwat f'livell numru

hamsa fil-blokk maghruf bhala ‘70s’ tal-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Triq il-Fortizza, Madliena, limiti tal-Gharghur.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-twegiba ta’ Paul Cremona u MAC Properties Limited li, ghar-ragunijiet minnhom imfissra, talbu lil din il-Qorti tichad l-istess talba.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet in camera.

Ikkunsidrat illi ghandu jinghad illi fi procedura ta’ din ix-xorta, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa wiehed ta’ dak li jidher mad-daqqa t’ghajn, bil-mansjoni ta’ skrutinju profond jibqa’ essenzjalment riservat ghal dik il-Qorti li finalment tkun ser tiddeciedi l-vertenza fil-mertu.

Dan premess, din il-Qorti hi tal-fehma li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi fl-Art. 873 tal-Kap. 12 sabiex it-talba ghall-hrug tal-mandat tintlaqa’.

Din il-Qorti, sakemm tigi finalment deciza l-vertenza dwar il-proprjeta’ tal-fond de quo, il-fond m’ghandux jigi mghobbi, ghar-raguni li jekk dan jithalla jsir, bhal per ezempju bil-lokazzjoni tieghu, lil terzi, dan jirrizulta ta’ pregudizzju ghal dak li eventwalment jigi dikjarat sid tal-fond.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta’ Madliena Village Limited u Madliena International Limited kif dedotta fir-rikors taghhom tal-11 ta’ Novembru 2013.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Digriet >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------